# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru, 2018

**Rikors Numru : 251/2018/3 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**H.M**

**Vs**

**A.J.M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' A.J.M, datat 26 ta' Ottubru 2018, a fol 2 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi permezz ta' digriet li ghadhom vigenti l-esponent gie kkundannat ihallas manteniment ghat-tifel minuri J. ta' tlitt snin fis-somma ta' €250 fix-xahar u gie ukoll ordnat illi din is-somma titnaqqas direttament mill-ghajnuna socjali li l-esponent jircievi mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.*

*Illi din is-somma ta' manteniment qed tohloq diffikultajiet kbar ghall-esponent u dan kif ser jigi spjegat.*

*Illi l-esponent huwa persuna b'dizabilita' mentali huwa qieghed taht il-kura ta' Dr.Jean Pierre Giorgio. Dan hu minnu illi hemm pendenti wkoll quddiem din il-Qorti diversament presjeduta proceduri ta' annullament fejn anke xehed Dr.Jean Pierre Giorgio u kjarament xehed illi l-esponent mhuwiex kapaci jaghti kunsens ghal zwieg.*

*Illi minhabba f'tali dizabilita' l-esponent jircievi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali €219.12 kull erba' gimghat wara t-tnaqqis tal-€250 mantentiment. Dan jirrizulta mill-anness Dok DSS. Minn dawn huwa jhallas €150 fix-xahar lin-nannu tieghu ma' min jghix. Ghalhekk ghall-bzonnijiet kollha tieghu f'xahar inkuz medicini u tobba qed ikollu jghaddi b €'100 fix-xahar, ossia medja ta' €25 fil-gimgha.*

*Illi mill-banda l-ohra l-intimata hija kapaci tahdem u ma ssibx impjieg sempliciment ghax ma tridx. Apparti minn hekk familjari ta' l-esponent jafu li l-intimata qieghda tghix ma ragel ta' dixxendenza Gharbija.*

*Illi apparti minn hekk l-intimata telqet mid-dar matrimonjali biss ftit xhur wara z-zwieg u ma infurmatx lill-esponent jew il-familja tieghu li kienet tqila. Hadd minnhom ma gie infurmat illi ser twelled u li welldet u saru jafu biss mill-kugina ta' l-intimata.*

*Illi in effetti l-intimat kellu dubju jekk kienx verament il-missier naturali minhabba dawn ic-cirkostanzi u fil-fatt sar DNA test li kkonferma l-paternita'. Fil-frattemp qatt ma kien hemm xi tentattiv da parti ta' l-intimata li turih it-tarbija jew li tinvolvih b'xi mod fit-trobbija taghha. It-tarbija hija tifel bl-isem ta' J. li ghandu issa tlitt snin.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din il-Qorti jogghobha:*

1. *Tirriduci sostanzjalment il-manteniment ta' €250 fix-xahar ordnat bhala manteniment ghall-minuri J.ts' tlitt snin, u*

2. *Tiffissa dati u hinijiet meta l-esponent ghandu jkollu access ghall-istess minuri,*

*U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**H.M** xehdet illi hija tghix Birzebbugia flimkien ma' bin il-kontendenti li ha jaghlaq tlett snin, u thallas kera mensili fl-ammont ta' €450. Qalet illi iben il-kontendenti ma jattendix *childcare* peress illi trid thallas biex imur *childcare*. Qalet illi hija ma tahdimx u d-dritt tar-residenza taghha Malta qieghed fuq binha.

**In kontro-ezami** xehdet illi ma tiehux ghajnuna minghand il-Gvern ghall-kera, u tircievi biss €460 fix-xahar. Mistoqsi ghalfejn ma tahdimx qalet illi ghandha xi problem bil-karta tal-identita taghha u giet informata illi sabiex binha jattendi *childcare* trid thallas €180 fix-xahar. Ziedet illi inoltre it-tifel jinzamm biss ghal tlett sieghat fic-*childcare*. Qalet illi hija ghandha kugini joqghdu Malta pero ma jistghux jghinuha bit-tifel peress illi jahdmu. Mistoqsija jekk pruvatx tapplika ghall-ghajnuna minghand il-Gvern biex thallas il-kera spjegat illi pruvat izda t-talba taghha giet michuda minhabba l-problema li ghandha fil-karta tal-identita u minhabba li trid tinqata' l-procedura ta' separazzjoni.

**A.M** xehed illi huwa jigi n-nannu tal-intimat A.J.M. Qal li l-intimat kien joqoghod mieghu meta kellu erbatax -il sena, u llum il-gurnata joqghod mieghu wkoll. Xehed illi ghalhekk l-ispejjez tal-hajja u meta johorgu jaqsmuhom flimkien. Qal illi l-intimat jiehu xi medicina, izda ma jhallasx ghalihom peress illi jinghataw b'xejn mill-Gvern, u jinsab taht il-kura tal-psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio. Qal illi l-intimat m'ghandux spejjez relatati mal-kondizzjoni tas-sahha tieghu. Xehed illi huwa ghandu pensjoni ta' circa €1200 kull erba' gimghat.

**Ivan Cilia,** in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta Socjali xehed illi r-rikorrenti tircievi ghajnuna socjali fl-ammont ta' circa €107 fil-gimgha. Rigward l-intimat xehed li jircievi *severe disability allowance* u dan sa mis-sena 1999, fis-somma ta' circa €108 fil-gimgha. Spjega li minn dan l-ammont jinqatu' €62.50, u ghalhekk jibqalu' circa €145 kull erba' gimghat.

**Ikkonsidrat;**

Dan huwa digriet wara talba maghmula mill-intimat sabiex tirriduci sostanzjalment il-manteniment ta' €250 li gie ordnat ihallas mensilment ghal ibnu minuri J. minn din il-Qorti diversament presjeduta, u sabiex tiffissa dati u hinijiet ghall-access mill-intimat ghall-istess minuri.

Illi huwa risaput illi l-manteniment iffissat *pendente lite* mill-Qorti jinbidel biss jekk il-parti li tkun giet ordnat thallas tali manteniment, tressaq prova illi kien hemm bdil fic-cirkostanzi minn meta inghata dak l-ordni. Il-Qorti tinnota illi l-intimat ma ressaq l-ebda prova ta' dan it-tip, u li inoltre xi dikjarazzjonijiet maghmla minnu fir-rikors ma gewx korroborati, anzi gew kontradetti mill-provi prodotti minnu.

L-ewwel nett, ghalkemm l-intimat isostni illi huwa jrid jinkorri spejjez mensili ta' medicina u tobba, mix-xhieda ta' nannuh A.M. jirrizulta illi dan mhux minnu, ghaliex kemm il-visti medici u kif ukoll il-medicina li ghandu bzonn l-intimat, huma mhallas mill-Istat, u li l-unika darba li kellu jhallas lit-tabib, kien sabiex jaghmel certifikat ghal finijiet tal-Qorti. Inoltre, ghalkemm fir-rikors tieghu l-intimat jikkontendi illi huwa jhallas is-somma ta' €150 fix-xahar lill-nannuh ma' min jghix, A.M. ma semma xejn minn dan fix-xhieda tieghu, izda semma biss li jaqsmu l-ispejjez tal-utilitajiet u tal-ikel.

Il-Qorti inoltre rat illi m'huwiex minnu illi r-rikorrenti qed tirrifjuta li tohrog tahdem kapriccosament. Rat illi skont ix-xhieda taghha, li ma gietx kontradetta, *childcare* ghall-iben minuri tal-kontendenti ikun biss ghall-tlett sieghat, u ghal dan is-servizz tkun trid thallas €180 fix-xahar. Ghalhekk jirrizulta illi almenu sakemm iben il-kontendenti ghadu ta' eta daqshekk zghira u ghadu ma bediex l-iskola, m'huwiex minnu dak li jikkontendi l-intimat li r-rikorrenti qed tirrifjuta li tmur tahdem kapriccosament.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis illi ma jezistux l-element necessarji sabiex jigi varjat l-ordni ta' manteniment ezistenti.

Fir-rigward tal-access, il-Qorti tirrileva illi l-intimat stess iddikjara illi huwa ghandu dizabilita mentali severa, tant illi fi kliem l-intimat stess fir-rikors tieghu "*…minhabba tali dizabilita'…ma jistax jahdem, jghix ma nannuh u* ***jiddependedi*** ***<u>anke ghall-aktar affarijiet bazici </u>fuq l-ghajnuna ta' missieru u ta' nannuh****.*" Il-Qorti ghalhekk tistaqsi kif l-intimat ser

ikun kapaci jiehu hsieb minuri ta' tlett snin, jekk huwa stess jiddependi fuq missieru u nannuh ghall-aktar affarijiet bazici. Il-Qorti tinnota illi ghalhemm l-intimat jirreferi ghal xhieda li ta l-psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio rigward id-disabilita tieghu, kopja ta' din ix-xhieda ma gietx ezebita sabiex tkun tista' tigi ezaminata mill-Qorti. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar il-kondizzjoni medika tal-intimat, ghajr dak dikjarat minnu illi m'huwiex kapaci jiehu hsieb il-bzonnijiet l-aktar bazici tieghu wahdu. Il-Qorti tinnota wkoll illi kontra l-intimat hemm allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, liema allegazzjonijiet jidhru li huma almenu *prima facie* korroborati mic-certifikat mediku prezentat quddiem din il-Qorti li jikkonferma illi fuq il-gisem tar-rikorrenti instabu marki ta' gdim. Ikkonsidrat dan kollu ghalhekk, il-Qorti tqis illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri J. illi l-access fil-konfront tieghu minn missieru jigi ezercitat taht supervizjoni.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-ewwel talba tal-intimat tar-rikors tas-26 t'Ottubru 2018, tilqa' t-tieni talba u tordna illi l-intimat jkollu access flimkien ma' ibnu darba fil-gimgha, ghall-durata ta' siegha, taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg, u fl-edifizju tal-Appogg. Il-gurnata u l-hin tal-access ghandu jigi determinat mill-Agenzija Appogg u kkomunikat lil din il-Qorti permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).**

**Tordna komunika ta' dan id-digriet lil Agenzija Appogg.**

**Spejjes a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**